



7.9.2015

0041/2015

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar it-tiġdid tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-2001 dwar il-livelli massimi ta' alkoħol fid-demm għal sewwieqa ta' vetturi bil-mutur

Patricija Šulin (PPE), Dubravka Šuica (PPE), Siegfried Mureşan (PPE), Martina Dlabajová (ALDE), Nicola Caputo (S&D), Wim van de Camp (PPE), Esther de Lange (PPE), Tomáš Zdechovský (PPE), Nuno Melo (PPE), Claudia Tapardel (S&D), Fabio Massimo Castaldo (EFDD), Petri Sarvamaa (PPE), Eduard Kukan (PPE), Csaba Sógor (PPE)

Data ta' skadenza: 7.12.2015

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, dwar it-tiġdid tar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni tal-2001 dwar il-livelli massimi ta' alkoħol fid-demm għal sewwieqa ta' vetturi bil-mutur¹

1. FI-2001, il-Kummissjoni adottat Rakkomandazzjoni dwar il-livelli massimi permissibbli ta' alkoħol fid-demm (Blood Alcohol Content) għas-sewwieqa ta' vetturi bil-mutur (ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tas-17 ta' Jannar 2001, ĠU L 43, 14.2.2001).
2. Madankollu, l-istatistiċi juru li s-sewqan taħt l-influenza tal-alkoħol għadu jaħti għal kwart tal-imwiet fit-toroq Ewropej (ara d-WHO u l-Kummissjoni Ewropea). Il-figuri huma oġġla b'mod sinifikanti f'ċerti Stati Membri, fejn dan jaqbeż it-30 % (pereżempju fis-Slovenja, fi Franza u fi Spanja) u saħansitra l-40 % (pereżempju f'Ċipru). Ma' dawn wieħed għandu jżid il-persuni kollha li jibqgħu affettwati b'mod permanenti minn korrimenti mġarrba f'inċidenti tat-traffiku.
3. Barra minn hekk, ir-Rakkomandazzjoni ġiet adottata qabel it-tkabbir tal-UE u għaldaqstant ma ħaditx kont tas-sitwazzjoni fil-pajjiżi li ngħaqdu mal-UE wara l-2004.
4. Il-Kummissjoni hija għaldaqstant mitluba tivverifika jekk id-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni tal-2001 dwar il-livelli massimi ta' alkoħol fid-demm għas-sewwieqa ta' vetturi bil-mutur għadhom f'konformità mal-aħħar sejbiet xjentifiċi u, jekk xieraq, taġġornahom.
5. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Skont l-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, meta dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.